# Emanuele Buhagiar

## (1876 - 1962) Disinjatur u Skultur: Il-Kuntest ta' l-arti tiegħu u x-xogħlijiet fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi [1]*

Miġbur minn Mark Sagona M.A.[2]

### Introduzzjoni

L-istorja ta' l-arti ekkleżjastika f'Malta u Għawdex ma tikkonsistix biss fil-pittura, fl-iskultura u fl-arkitettura. Wieħed mill-aspetti mportanti ta' l-iżvilupp artistiku fil-knejjes Maltin hu dak dekorattiv. Mingħajr il-kunsiderazzjoni ta' dan l-aspett, huwa mpossibbli li wieħed ikollu stampa sħiħa ta' x'ġara fil-knejjes Maltin. Id-dekorazzjoni tal-knejjes, jiġifieri dawk l-elementi apparti pittura u statwi, jista' jkollha diversi forom u tista' tkun ta' diversi tipi. Fost dawn hemm għamara ta' xorta liturġika jew ta' natura purament ornamentali, oġġetti liturġiċi li jintużaw mill-Knisja fi żminijiet diversi tal-kalendarju liturġiku, oġġetti marbutin mal-kult tal-qaddisin u ma' devozzjonijiet partikulari, kif ukoll għamara marbuta ma' ċelebrazzjonijiet popolari bħalma huma purċissjonijiet.



*Emanuele Buhagiar, ritratt meħud lejn l-1900* (Bil-kortesija tal-Professur Mario Buhagiar).

Id-dekorazzjoni ekkleżjastika tista' tieħu wkoll is-sura ta' skultura ornamentali madwar l-artali, mal-ħitan jew mas-soqfa. Din tista' tkun tal-ġebel, ta' l-injam, ta' l-irħam, jew ħafna drabi bl-istukko. L-oġġetti liturġiċi ġeneralment ikunu magħmulin minn materjali prezzjużi bħal fidda u d-deheb, filwaqt li għamara oħra tista' tkun ta' l-injam jew tal-bronż. Apparti dawn, wieħed isib ukoll paramenti sagri, u xogħolijiet importanti fir-rakkmu bħal ventartali u triehi. Huma dawn l-elementi li jagħtu karattru rikk lill-knejjes tagħna. Mingħajr id-dekorazzjoni, il-knejjes ta' Malta u Għawdex jitilfu ħafna mill-karattru tipiku tagħhom.



Emanuele Buhagiar, *Dettall tal-Leġiju*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.

### Il-kuntest ġenerali ta' l-iżvilupp tad-dekorazzjoni tal-Knejjes Maltin

Fil-gżejjer Maltin, l-istorja tad-dekorazzjoni ekkleżjastika għandha għeruq fondi ħafna. L-ewwel ħjiel jibda minn meta l-Kristjaneżmu reġa' ġie stabbilit fis-seklu tlettax, peress li d-dekorazzjoni hija sinonima mal-bini tal-knejjes innifishom. Il-livell artistiku għoli ta' diversi oġġetti ta' għamara mill-Katidral il-qadim ta' l-Imdina[3], kif ukoll l-inventarju tal-knisja ta' Santa Marija fil-Castrum Maris tal-Birgu[4], jindikaw l-preżenza ta' oġġetti liturġiċi prezzjużi oħra li llum intilfu. F'Għawdex, l-eqdem oġġett liturġiku huwa ċ-ċiborju ta' stil Gotiku li kien instab fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat fl-1816[5].

Bil-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, il-produzzjoni ta' xogħlijiet relatati mad-dekorazzjoni tal-knejjes saret aktar popolari, u l-Ordni kabbret bis-sħiħ din it-tradizzjoni, mhux biss fil-knejjes li kienu jappartjenu lilha, imma wkoll fi knejjes Djoċesani. Fost l-elementi l-aktar importanti tas-seklu sbatax kien hemm id-dekorazzjoni fil-ġebla Maltija, dekorazzjoni li ntużat biex tgħatti wesgħat sħaħ ta' ħitan, bħal fil-każ tal-Knisja Kunventwali ta' San Ġwann[6], kif ukoll f'għamla ta' prospettivi rikki għal madwar l-artali, bħal ma hi dik madwar it-titular tal-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. Xogħlijiet ta' fidda ma naqsux – f'ċerti każi ta' importanza straordinarja[7].

Fis-seklu tmintax kien hemm spinta qawwija f'dik li hi skultura fl-injam, eżempji li narawhom f'gandlieri kbar, pulpti, l-injam tal-korijiet, galleriji ta' l-orgni u oħrajn. Fost id-disinjaturi mportanti tas-seklu tmintax, kien hemm il-pittur ewlieni tal-perjodu, Francesco Vincenzo Zahra (1710-73), li ddisinja wkoll xogħolijiet fl-irħam. Il-familja Durante mill-Isla kellha rwol importanti ferm fil-produzzjoni ta' dekorazzjoni fl-irħam. Fis-seklu dsatax kien hawn kambjament drastiku fil-klima artistika: mill-Barokk għall-Puriżmu tan-Nazzareni u s-segwaċi tagħhom. Il-figura artistika ewlenija ta' dan iż-żmien kien Giuseppe Hyzler (1793-1858). Minn idejh ħarġu wkoll disinji għal oġġetti liturġiċi u dekorazzjoni oħra ekkleżjastika.

## Id-dekorazzjoni f'Malta lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin

Jidher li lejn l-aħħar kwart tas-seklu dsatax reġa' kien hawn spinta qawwija f'dik li hi dekorazzjoni tal-knejjes, anke jekk din l-ipotesi għadha trid tiġi ppruvata. Huwa żgur li wieħed mill-aktar perjodi rikki u mportanti fl-istorja tad-dekorazzjoni tal-knejjes fil-Gżejjer Maltin kien l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. F'dan iż-żmien, f'Malta kien hawn ferment artistiku sħiħ. Knejjes ġew mibnija jew mmudellati mill-ġdid; ħafna artisti, kemm Maltin u barranin, ġew kummissjunati diversi kwadri għall-artali, pitturi fis-soqfa tal-knejjes, u opri ta' skultura[8]. Is-settur tad-dekorazzjoni s'issa ftit li xejn ingħatalu l-attenzjoni li tixraqlu, imma huwa parti sinifikattiva ferm biex wieħed ikollu kwadru ċar u sħiħ tas-sitwazzjoni artistika f'pajjiżna madwar mitt sena ilu, meta l-ambjent artistiku kien dominat għal kollox mill-kummissjonijiet tal-Knisja. Flimkien mal-pittura, l-iskultura u l-arkitettura, id-dekorazzjoni kellha rwol importanti fil-proġetti bla għadd li twettqu tista' tgħid fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex. F'dan iż-żmien il-knejjes Maltin ġew arrikkiti bis-sħiħ, u parti kbira mill-patrimonju li naraw illum huwa prodott ta' dan il-perjodu.



Emanuele Buhagiar,
*Gwarniċ għall-Pittura tal-Via Sagra (Wieħed minn Sett ta' 14),*
Knisja Parrokkjali, Qrendi.

L-ammont ta' artisti, disinjaturi u skulturi li kienu jaħdmu f'Malta f'dan iż-żmien huwa sorprendenti għall-aħħar meta wieħed jikkunsidra ċ-ċokon ta' Malta. Dan jista' jiġi spjegat biss minħabba d-domanda kbira li kien hawn għax-xogħol fil-knejjes. Il-ħajja f'Malta sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kienet kollha kemm hi ddominata mir-reliġjon u mill-Knisja. Dan kien l-iżvog prinċipali tan-nies: il-knisja tar-raħal jew belt kienet iċ-ċentru ta' kollox. Dan kien iż-żmien meta l-festi titulari ħadu spinta kbira 'l quddiem u żviluppaw f'ċelebrazzjonijiet kumplessi u pompużi. Id-dekorazzjoni tal-knisja ma baqgħetx aktar marbuta ma' dak li hu essenzjali imma bdiet tiġi aktar assoċjata mal-libsa tal-festa: gandlieri, ventartali, lampieri, rakkmu u l-affarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-festa partikolari[9].

In-neċessità tad-dekorazzjoni u d-domanda għal għamara ġdida fil-knejjes hija marbuta wkoll ma' devozzjonijiet ġodda li xterdu b'mod qawwi, bħal per eżempju dawk ta' San Ġużepp u tal-Madonna ta' Lourdes. Dan il-perjodu ra t-twaqqif ta' parroċċi ġodda u ta' diversi fratellanzi ġodda. Dan kien iż-żmien meta l-partiti parrokkjali u tal-baned kienu mpikati bis-sħiħ ma' xulxin u dan irriżulta fil-kummissjoni ta' xogħolijiet ta' l-arti. Bejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, Malta kienet għaddejja wkoll minn żmien ta' prosperità relattiva. Ħafna benefatturi kienu lesti jħallsu ħafna flus għal opri ta' fidda, rakkmu u skultura fl-injam li għal dawk iż-żminijiet kienu jiswew ammonti kbar ta' flus. Il-festi titulari ma' kinux waħedhom. Żdiedu ħafna wkoll il-festi lill-qaddisin jew devozzjonijiet oħrajn barra minn dawk lid-dedikazzjoni prinċipali tal-knisja partikulari, dawk li aħna nsejħulhom festi 'sekondarji'. Dawn tant kibru li fl-1935 il-Knisja ħarġet istruzzjonijiet speċifiċi rigward it-tiżjin tal-knejjes: it-tiżjin fil-festi sekondarji ma setax jiżboq lit-tiżjin fil-festi titulari. Dan kien li ġara fil-Qrendi, f'Ħal Kirkop, u f'postijiet oħrajn. F'Ħaż-Żabbar, per eżempju, il-bradella u l-bankun li llum jintużaw għall-vara titulari ma sarux għall-Madonna tal-Grazzja imma kienu saru oriġinarjament għall-vara tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù, magħrufa mill-poplu bħala l-Madonna tad-Duttrina[10].

## Il-karriera artistika ta' Emanuele Buhagiar

Huwa f'dan il-kuntest li l-figura ta' Emanuele Buhagiar (**Ritratt Numru 1**) trid tiġi diskussa. Buhagiar kien imwieled il-Birgu fl-1876, iben mastrudaxxa fl-Ordinanza. Minħabba f'hekk, rabba' imħabba lejn l-injam. Ta' età żgħira ħafna kien beda jitħarreg taħt l-iskultur Senglean Aristide Bonnici (1851-88), imma aktar 'il quddiem frekwenta artisti oħrajn bħal Lazzaro Pisani (1854-1932) li kien jgħallem fl-i*Scuola di Disegno* fil-Birgu, Giuseppe Bonnici (1835-1900), Salvatore Barbara (attiv fl-aħħar tas-seklu dsatax) u Arturo Galdes. L-iktar formazzjoni artistika valida jidher li ġiet mid-dekoratur Kalabriż Vincenzo Cardona (attiv fl-aħħar tas-seklu dsatax/bidu tas-seklu għoxrin) li kien stabilixxa ruħu f'Malta fl-aħħar tas-seklu dsatax. Buhagiar kien wieħed mill-istudenti ta' Cardona.

Emanuele Buhagiar beda l-karriera artistika tiegħu



Emanuele Buhagiar, *Ventartal għall-Artal tal-Pentekoste għall-Festa tal-Madonna ta' Lourdes*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.

ta' età pjuttost żgħira. Fil-fatt, fl-1898, meta lanqas biss kellu 22 sena, huwa żżewweġ lil Ersilia Calì, n-neputija ta' hadd ħlief il-pittur magħruf Giuseppe Calì (1846-1930). Huwa beda jaħdem il-Birgu, iżda, kif jiġri dejjem, ebda profeta ma hu rispettat f'pajjiżu, u Emanuele Buhagiar kellu jitlaq mill-Birgu wara tilwima mad-diriġenti tal-Banda San Lawrenz fl-1906[11]. Huwa sab residenza ġdida f'Ħal Tarxien. Madwar l-1914, Buhagiar sab post ieħor f'Raħal Ġdid fejn baqa' joqgħod sa mewtu. Lejn l-aħħar ta' l-għoxrinijiet kien kera post fi Triq S. Tereża f'Ħal Tarxien bħala bottega.

Emanuele Buhagiar kien wieħed mill-aqwa disinjaturi li qatt dehru f'Malta. Dan mhux biss minħabba l-ammont kbir ta' xogħolijiet li ħadem, iżda minħabba l-livell artistiku għoli li hu laħaq fil-kamp tiegħu. Bħala disinjatur kellu don rari għal inventiva kbira, u fl-iskultura juri sensittività konsiderevoli għall-ornat. Buhagiar kien jaħdem primarjament fl-injam, għalkemm ġie li ħadem ukoll fil-ġebla. Meta x-xogħol kien ser isir tal-fidda, kien jagħmel ukoll mudell sħiħ fl-injam. Irnexxielu joħloq stil tiegħu li hu mmedjatament identifikabbli, xi ħaġa tassew diffiċli f'dak li hu ornat, għax din hi lingwa li hi bbażata fuq elementi li m'humiex figurattivi. Id-disinni tiegħu, li fortunatament għadhom jeżistu fl-arkivji tal-knejjes u f'kollezzjonijiet privati (ħafna ġew meqruda wkoll), huma friski u espressivi.



Emanuele Buhagiar, *Lanterna tal-Fratellanza tas-Sagrament (Waħda minn Par)*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.



Emanuele Buhagiar, *Ventartal għall-Artal tal-Kurċifiss (jew tal-Madonna ta' Lourdes) għall-Festa tal-Madonna ta' Lourdes*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.

Fi żmienu, l-uniku artist f'dan il-kamp li kien iħabbatha ma' Buhagiar, kien Abram Gatt (1863-1944), li hu l-faċċata l-oħra ta' l-istess munita[12]. Waqt li d-disinni ta' Buhagiar huma mimlijin moviment u b'ħafna elementi mir-repertorju Barokk, dawk ta' Abram huma aktar akkademiċi u dixxiplinati. Madankollu, hemm elementi li juru li Buhagiar kien influwenzat minn Gatt[13]. Abram Gatt u Emanuele Buhagiar jistgħu jitqiesu bħala ż-żewġ pilastri ewlenin tad-dekorazzjoni ekkleżjastika f'Malta fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

Madankollu, Buhagiar sar aktar popolari minn Abram Gatt, għax dan ta' l-aħħar qatt ma fetaħ bottega personali tiegħu, u baqa' dejjem jaħdem it-Tarzna. Minħabba f'hekk, Gatt rarament kien jesegwixxi d-disinni tiegħu. Fil-fatt, hemm każijiet fejn Buhagiar anke esegwixxa xogħolijiet minn fuq id-disinni ta' Gatt, bħal per eżempju n-niċċa ta' San Ġorġ fil-parroċċa ta' l-istess qaddis f'Ħal Qormi. Il-probabilità hi li Buhagiar sar preferut għax kien jagħmel id-disinn kif ukoll il-mudell, u għalhekk il-kummissjoni kienet toħroġ lesta minn għand artist wieħed. Dan kien ħafna aktar komdu għal min jordna x-xogħol.

Buhagiar jista' jitqies bħala l-aħħar eredi ta' kalibru tat-tradizzjoni kbira u twila ta' nies tas-sengħa li ħargu mill-Birgu. Apparti mill-iskultura, Buhagiar kien kapaċissimu għall-interzjar, sengħa li tgħallem mingħand l-esponent ewlieni f'dan il-qasam tas-seklu dsatax: Emmanuele Decelis (c.1826-1910). Din it-teknika ġiet użata b'mod estensiv minn Buhagiar fil-bankuni għall-istatwi u anke f'għamara domestika. Wieħed jista' jgħid li Buhagiar kien l-aħħar esponent ta' din it-tradizzjoni rikka f'Malta, li tmur lura għal żmien l-Ordni ta' San Ġwann.

Matul il-karriera twila tiegħu, Emanuele Buhagiar iddisinja u ħadem diversi tipi ta' oġġetti liturġiċi u għamara għall-knejjes. Dawn, li jinsabu kważi f'kull knisja f'Malta, jinkludu ventartali, gandlieri, lampieri u loppi, pedestalli, relikwarji, ġilandri, ċnieser, tużelli, paramenti sagri u trieħi, fost oħrajn. Iżda l-popolarità ta' Buhagiar hija marbuta b'mod speċjali ma' l-iżvilupp ta' ġenru importanti ħafna fid-dekorazzjoni u l-allestiment tal-knejjes. Il-bradella u l-bankun għall-vara proċessjonali ħadet spinta kbira 'l quddiem f'dan iż-żmien, fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Emanuele Buhagiar kien pijunier f'dan l-iżvilupp, tant li ddisinja mhux inqas minn ħdax-il bankun filwaqt li ħadem oħrajn minn fuq disinni ta' artisti oħra, bħal fil-każ ta' Santa Marija ta' l-Imqabba, fuq disinn ta' Abram Gatt. Fost il-ħafna bankuni li ħadem, kollha kemm huma b'tipi ta'

njam differenti u nterzjar fin ħafna, jispikkaw dawk ta' H'Attard, Marsaxlokk, il-Gudja u Ħal Safi.

L-istil ta' Buhagiar huwa wieħed ekklettiku li jagħmel emfasi speċjali fuq elementi Barokki, imma, tipikament ta' l-epoka, iħaddan influwenzi minn stili oħrajn, fosthom l-istil Neo-Gotiku li kien preżenti ħafna f'Malta f'dan iż-żmien minħabba l-Ingliżi. Buhagiar kien influwenzat ħafna mit-tradizzjoni Barokka Maltija tas-seklu tmintax. Dawn l-influwenzi huma mħallta ma' elementi aktar kontemporanji li Buhagiar faċilment seta' assimila minn katalgi u *pattern books*. Minn wara l-Ewwel Gwerra Dinjija 'l quddiem, meta reġa' fetaħ il-bottega tiegħu[14], Buhagiar sar l-aktar disinjatur popolari u mfittex ta' Malta, pożizzjoni li baqa' jżomm sal-ħamsinijiet, ftit qabel mewtu. Fl-aħħar fażi ta' ħajtu hu kien mgħejjun minn ibnu Antonio (1905-98) li kien ukoll skultur tajjeb.

## Ix-xogħlijiet ta' Buhagiar fil-Qrendi

Ix-xogħlijiet ta' Emanuele Buhagiar jinsabu mxerrda ma' ħafna knejjes f'Malta u Għawdex. Madankollu hemm xi knejjes li għandhom konċentrazzjoni ta' xogħolijiet tiegħu. Fost dawn hemm il-Knisja Parokkjali tal-Qrendi. Il-problema enormi fir-rigward tal-parroċċa tal-Qrendi hi n-nuqqas ta' dokumentazzjoni. Jidher li ħafna mid-dokumenti sfaw sfortunatament meqruda jew mitlufa[15]. Dan jagħmilha diffiċli ħafna li wieħed jiddata x-xogħolijiet b'mod eżatt u allura l-istudjuż ta' l-arti jkollu jirrikorri għal studju stilistiku u kumparattiv.

Sal-lum, sakemm jinstabu xi dokumenti, id-data ta' ħafna mix-xogħlijiet fil-Qrendi għadha mhijiex magħrufa. L-uniku ħjiel dokumentat rigward ix-xogħlijiet fil-Qrendi huwa preżenti f'lista li Buhagiar innifsu kien kiteb ftit qabel mewtu, li fiha kien niżżel ix-xogħlijiet li kien jiftakar li hu kien għamel għall-knejjes[16]. Minkejja li din kienet ta' għajnuna kbira fl-identifikazzjoni tax-xogħol li ħadem, bl-ebda mod ma' tista' titqies kompleta, u diversi xogħlijiet huma nieqsa.

Il-Leġiju li wieħed isib fil-kor, wara l-artal maġġur[17], hu bla dubju ta' xejn l-aktar biċċa xogħol importanti f'dak li hu nterzjar **(Ritratt Numru 2)**. Hija ħasra li fejn hu qiegħed ma tantx jista' jiġi apprezzat. Dan il-Leġiju jista' jingħad fost l-aħjar xogħlijiet ta' Emanuele



Emanuele Buhagiar, *Ventartal għall-Artal Maġġur għall-Festa tal-Madonna ta' Lourdes*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.

Buhagiar minħabba r-raffinatezza ta' l-ornamentazzjoni nterzjata u skultorja. L-istruttura ta' l-injam hi magħmula minn żewġ partijiet, jiġifieri bażi ottagonali b'panewijiet, interzjati bl-injam tal-frott u bl-ebbanu, li fuqha hemm il-leġiju propju. Fuq il-ġnub tal-leġiju hemm żewġ figuri bilqiegħda li jirrappreżentaw lil Santa Ċeċilja u lill-Profeta David, assoċjati ma' l-ikonografija tal-mużika u l-kant (is-salmi). Dawn, sfortunatament, mhumiex tal-kwalità li tidher fil-kumplament tal-leġiju.

Din l-opra tista' tiġi ddatata bejn l-1926 u l-1934, fil-parrokat ta' Dun Emmanuele Micallef. Il-benefattur kien is-Sur Saverio Farrugia. L-armi tal-Kappillan u l-benefattur jidhru fuq il-bażi tal-leġiju. F'dan il-perjodu Emanuele Buhagiar kien stabilixxa ruħu tajjeb bħala wieħed mid-disinjaturi u skulturi ewlenin f'Malta, b'mod speċjali fin-Nofsinhar tal-gżira. Kien ukoll fl-għoxrinijiet li Buhagiar ħejja l-ewwel disinji għal xi knejjes Għawdxin[18]. F'dan iż-żmien, Buhagiar kien prolifiku ħafna u l-kummissjonijiet għall-knejjes kienu kontinwament dieħlin. Il-leġiju tal-Qrendi, għalhekk, jista' jiġi kkunsidrat bħala xogħol matur ta' l-artist.

Jista' jkun li s-sett sabiħ ta' gwarniċi għall-Via Sagra **(Ritratt Numru 3)** li jinsabu mdawrin mal-pilastri tal-knisja ġew prodotti fl-istess żmien tal-leġiju. Il-viżjoni ta' dawn il-gwarniċi, magħmula mill-injam indurat bid-deheb, hi waħda matura. Buhagiar jagħmel użu minn forom ornamentali sodi, li huma skolpiti b'maestrija konsiderevoli. Artistikament, jistgħu jingħaddu fost l-aħjar settijiet ta' gwarniċi tal-Via Sagra li ġew prodotti f'Malta fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. F'dan iż-żmien saru diversi gwarniċi sbieħ ta' dan it-tip f'diversi knejjes Maltin, bħal per eżempju fil-knisja parrokkjali tal-Mosta.

Għall-festa tal-Madonna ta' Lourdes Emanuele Buhagiar iddisinja u ħadem mhux inqas minn seba' ventartali skolpiti fl-injam u ndurati bid-deheb bornut[19]. Dawn jintramaw fuq l-artali tal-Madonna tal-Karmnu u tal-Madonna tar-Rużarju fil-Kappellun tat-Tramuntana, fuq l-artali tal-Pentekoste (**Ritratt Numru 4**) u tal-Kurċifiss (li jsir tal-Madonna ta' Lourdes waqt il-festa) fil-Kappellun l-ieħor (**Ritratt Numru 5**), u fuq l-artali tal-Madonna taċ-Ċintura u San Stiefnu fil-korsija. Il-ventartal l-ieħor jintrama fuq l-artal maġġur fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes (**Ritratt Numru 6**). Dan hu differenti mill-oħrajn għax hu arġentat bil-fidda bornuta, element rari għall-ventartali f'Malta.

Għalkemm m'hemmx data ċerta għal dawn ix-xogħolijiet, jidher li dawn saru fl-għoxrinijiet jew madwar l-1930. Dan huwa konfermat minn tradizzjoni orali fil-Qrendi kif ukoll minn referenza fil-gazzetti ta' dak iż-żmien[20]. Il-karpinterija ta' dawn ix-xogħolijiet kienet inħadmet il-Qrendi stess minn Angelo Cassar, magħruf bħala tal-Masina[21].

Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-ventartali huma komposti minn pilastru ċatt maqsum f'żewġ panewijiet u minn parti ċentrali li minflok id-drapp tas-soltu hija magħmula minn simboli skolpiti fuq sfond tal-fidda. Dawn il-

ventartali jkomplu jiżviluppaw fuq dawk li Buhagiar kien għamel għall-artali tal-korsija fil-parroċċa tal-Gudja kmieni fl-għoxrinijiet[22].



Emanuele Buhagiar, *Terħa għall-Artal Maġġur*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.

Dawk għall-artali tal-Kurċifiss (jew tal-Madonna ta' Lourdes) u l-maġġur huma ta' livell artistiku ogħla mill-oħrajn minħabba li għandhom inventiva superjuri u kwalitajiet ta' kompożizzjoni uniċi fil-karriera ta' l-artist. Il-ventartal tal-Kurċifiss jagħmel użu minn disinn dinamiku u matur fit-tqassim tiegħu filwaqt li dak tal-maġġur hu mmarkat minn doża qawwija ta' Barokk li jxaqleb lejn ir-Rokoko. Il-weraq, li jdawru l-immaġini skolpita tal-Madonna ta' Lourdes fid-dehra tagħha lil Bernardette, huma maħduma b'maestrija u freskezza li fihom Buhagiar kien jeċċella. L-uċuħ ta' l-anġli huma tipiċi ta' l-artist u huma wieħed mill-mezzi li bih Buhagiar jiġi mmedjatament identifikat.

Emanuele Buhagiar iddisinja wkoll diversi oġġetti għall-parroċċa tal-Qrendi li ġew irrakmati. Fost dawn hemm it-terħa rrakmata b'ħajt tad-deheb fuq bellus aħmar li tintrama fuq l-artal maġġur fil-festa ta' Santa Marija (**Ritratt Numru 7**). Hija xogħol tipiku ta' l-artist, b'emfasi kważi esaġerata fuq l-ornat li jagħti sens ta' *horror vacui*, element tipiku tal-Barokk. Tista' tiġi assoċjata ma' triehi oħra ta' dan it-tip bħal dawk fuq l-artali tal-Madonna tal-Karmnu u tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, li huma, iżda, dixxiplinati aktar. Xogħol ieħor ta' rakkmu fil-Qrendi, li huwa artistikament aħjar mit-terħa tal-maġġur, hu l-istendard tal-Fratellanza tar-Rużarju.



Emanuele Buhagiar, *Gastra għall-istatwa titulari ta' Santa Marija (Waħda minn sett ta' Erbgħa)*, Knisja Parrokkjali, Qrendi.

Kif diġà aċċennajt aktar 'il fuq, Emanuele Buhagiar ħadem, tista' tgħid, kull tip ta' għamara u dekorazzjoni għall-knejjes. Kamp ieħor li fih Buhagiar ta kontribut qawwi kien f'dak tas-slaleb tal-fratellanzi jew tal-Via Sagra, ġeneralment magħmula mill-ebbanu. Jidher li din it-tradizzjoni tibda b'Abram Gatt fl-aħħar snin tas-seklu dsatax[23] u tkompli matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. L-isbaħ slaleb li jeżistu f'ħafna parroċċi huma dawk maħduma minn Buhagiar[24] u jagħmlu użu minn ornamenti preċiżi u fl-istess ħin friski. Mhux ħaġa faċli, meta wieħed jiftakar fl-ebbusija tal-materjal. Wieħed minn dawn is-slaleb tal-fratellanzi jinsab fil-parroċċa tal-Qrendi, dak tal-Fratellanza tas-Sagrament, li hu fost l-isbaħ li għandu. Dan is-salib għandu skultura tajba ħafna, mnaqqxa aktar fil-fond mis-slaleb l-oħrajn. Għal ma' dan is-salib, Buhagiar iddisinja u ħadem il-mudell fl-injam għal żewġ lanterni tal-fidda[25] (**Ritratt Numru 8**). Ix-xogħol fil-fidda mhuwiex, sfortunatament, ta' livell għoli u jidher li nħadem Malta.

Emanuele Buhagiar iddisinja wkoll diversi gastri jew vażetti għall-fjuretti għal ma' statwi proċessjonali jew inkella għal fuq l-altari. Uħud minn dawn juru l-kapaċità li biha Buhagiar kien iħaddem il-vokabularju dekorattiv u juru s-saħħa u l-inventiva li kellu f'dan il-qasam. Forsi l-isbaħ li qatt ħarġu minn idejh huma dawk għal fuq l-artal maġġur tal-knisja parrokkjali taż-Żurrieq għall-festa ta' Santa Katarina. L-erba' gastri tal-fidda li jsebbħu l-vara titulari ta' Santa Marija fil-Qrendi (**Ritratt Numru 9**) iħabbtuha ma' dawk taż-Żurrieq. Għandhom sbuħija partikolari fit-taqsim, fil-bilanċi armonjużi bejn l-istruttura ewlenija, l-elementi dekorattivi u l-widnejn. Ix-xogħol fil-fidda hu wieħed ta' livell konsiderevoli.

Fost ix-xogħlijiet ta' Emanuele Buhagiar li wieħed isib fil-Qrendi, l-inqas wieħed sodisfaċenti hu r-relikwarju tal-festa titulari, xogħol tardiv ħafna li sar fl-1958. Huwa wieħed mill-aktar xogħlijiet diżappuntanti fl-opra kollha ta' l-artist iżda wisq naħseb li dan hu tort ta' min ħadmu fil-fidda u mhux ta' Buhagiar, dan għaliex il-produzzjoni tal-mudell fl-injam hi dokumentata[26]. Wieħed irid iżomm f'moħħu li mhux l-ewwel darba li disinn ta' artist tajjeb jispiċċa sfigurat għal kollox minn min jesegwixxi x-xogħol, u hawnhekk hu probabbli li għandna eżempju ċar. M'hemmx dubju li l-invenzjoni tax-xogħol hi ta' Buhagiar għax l-elementi ornamentali huma kollha tipiċi ta' l-artist. Madankollu, jista' jkun ukoll riflessjoni ta' l-età avvanzata ta' l-artist, li dak in-nhar diġà kellu aktar minn 80 sena.

Ix-xogħlijiet ta' Emanuele Buhagiar fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi huma biss parti żgħira mill-opra artistika tiegħu. Madankollu hemm rappreżentanza tajba ħafna ta' diversi aspetti tal-prodott tiegħu. Huwa importanti li dawn ix-xogħlijiet, li sfortunatament ma jkunux fejn jitgawdew matul is-sena kollha, jiġu apprezzati aktar u jingħataw l-attenzjoni li tixirqilhom għax huma parti integra u essenzjali fl-iżvilupp artistiku tal-knejjes Maltin.

© *Mark Sagona 2006*

[1] * Dan l-istudju huwa bbażat fuq parti mir-riċerka akkademika li kienet ġiet preżentata minn Mark Sagona f'teżi ta' l-M.A. fl-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta fl-2003. It-titlu tat-teżi huwa: *Emanuele Buhagiar (1876-1962): His Contribution to the Ecclesiastical Decorative Arts of the Maltese Islands*. It-teżi kienet saret taħt is-superviżjoni tal-Professur Mario Buhagiar, Kap tal-Programm ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, filwaqt li l-eżaminatur barrani kienet il-Professoressa Clara Bargellini Cione mill-*Instituto de Investigaciones Estéticas* ta' l-*Universidad Nacional Autónoma de México*.

[2] Mark Sagona huwa artist u studjuż ta' l-arti. Bħala artist, tella' diversi wirjiet personali f'Malta u Għawdex, l-aħħar waħda aktar kmieni din is-sena (2006). Xogħolijiet tiegħu jinsabu f'kollezzjonijiet pubbliċi u privati kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi barranin. Iggradwa mill-Università ta' Malta fl-1999 u fl-2003. Bħala akkademiku, għamel riċerka, kiteb u ppublika artikli u ta lectures fuq diversi aspetti ta' l-Arti. Huwa jgħallem l-Arti u hu wkoll lettur fl-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta.

[3] Dwar dawn ix-xogħolijiet, ara Mario Buhagiar u Stanley Fiorini, *Mdina: The Cathedral City of Malta*, I Volum, Malta 1996, pp.139-140.

[4] *Ibid.*, p.136.

[5] Illum dan jinsab fil-kollezzjoni tal-Katidral t'Għawdex. Għal diskussjoni xjentifika ta' l-arti Medjevali f'Malta ara Mario Buhagiar, *The Late Medieval Art and Architecture of the Maltese Islands*, Malta 2005.

[6] Għax-xogħol ta' dekorazzjoni fil-ġebla f'San Ġwann, ara John Debono, *Art and Artisans in St John's and Other Churches*, Malta 2005.

[7] Bħal per eżempju r-relikwarju ta' San Ġwann Battista għall-Oratorju tal-Knisja Kunventwali magħmul Ruma fuq disinn ta' Ciro Ferri. Ara Keith Sciberras, *Roman Baroque Sculpture for the Knights of Malta*, Malta 2004, pp.80-94.

[8] Dawn kienu jinkludu lil Giuseppe Calì, Lazzaro Pisani u Gianni Vella fil-kamp tal-pittura Maltija, kif ukoll ħafna artisti Taljani bħal Gagliardi, Bruschi, Palombi, Monti, Valenti u oħrajn. Fil-kamp ta' l-iskultura popolari, it-tradizzjoni ta' Carlo Darmanin u Vincenzo Cremona tkompliet minn Carlo Mallia u Agostino Camilleri.

[9] Id-disinjaturi u skulturi kienu ħafna. Nicola Zammit (1815-99) kien importanti ħafna għad-disinni għall-knejjes u bħala arkitett fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Disinjaturi u skulturi oħrajn kienu jinkludu membri tal-familji Bugeja u Tonna tar-Rabat; Alfonso Maria Pace (attiv fl-aħħar tas-seklu dsatax/bidu tas-seklu għoxrin), Antonio Agius (1888-1973), Giuseppe Decelis (1866-1958) fil-Birgu. Artisti ta' kalibru straordinarju bħal Francesco Saverio Sciortino (1875-1958) wkoll ħadmu fil-qasam tad-dekorazzjoni tal-knejjes. Artisti barranin kienu jinkludu lir-Ruman Pio Cellini. Dan biex ma nsemmux fabbriki barranin bħal Ghezzi ta' Milan u Tanfani u Bertarelli ta' Ruma li wkoll kienu jipprovdu oġġetti għal knejjes ordnati mill-katalgi tagħhom. Għad fadal ħafna studju xi jsir biex wieħed ikollu stampa aktar ċara.

[10] Mark Sagona, *op.cit.*, p.108. Fuq il-pika esaġerata bejn il-festi titulari u sekondarji f'dan iż-żmien, ara Jeremy Boissevan, *Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta*, Malta 1993, pp.75-6.

[11] Il-kwistjoni kienet dwar mejda nterzjata li Buhagiar kien għadu kemm ħadem għall-istess soċjetà mużikali u li kienet ġiet rifjutata. Antonio Buhagiar, *L-Iskultur Manwel Buhagiar*, manuskritt mhux pubblikat 1980, kollezzjoni privata.

[12] Għal diskussjoni xjentifika ta' xi whud mix-xogħolijiet ta' Abram Gatt ara Mark Sagona, *The Designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emanuele Buhagiar and Giuseppe Galea for the Churches of Gozo*, unpublished B.A.(Hons.) dissertation, University of Malta 1999. L-opra artistika ta' Gatt għadha trid tiġi studjata sew.

[13] Ir-relazzjoni ta' Buhagiar ma' Gatt, u l-influwenza ta' Gatt fuq Buhagiar huma diskussi f'Mark Sagona 2003, *op.cit.*, pp.197-214.

[14] Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija x-xogħol għal Buhagiar naqas u kellu jsib impieg it-Tarzna. Dritt wara l-gwerra hu reġa' fetaħ il-ħanut tax-xogħol f'Ħal Tarxien.

[15] L-awtur jirringrazzja lill-Prof. Rev. Emmanuel Agius tal-kollaborazzjoni tiegħu waqt l-istudji fil-Qrendi xi snin ilu.

[16] Emanuele Buhagiar, *Manuskritt Awtobiografiku*, Kollezzjoni Privata, mhux datat.

[17] Mark Sagona 2003, *op.cit.*, pp.186-7.

[18] Dettalji f'Mark Sagona 1999 u 2003, *op.cit.*

[19] It-terminu ventartal jirreferi għal dak id-drapp li jintuża biex jgħatti l-parti ta' quddiem ta' l-artal. Id-drapp, li l-lewn tiegħu ivarja skond il-liturġija, ikun imdawwar bi gwarniċ, magħruf bħala l-gwarniċ tal-ventartal. Fil-kuntest ta' Buhagiar, madankollu, peress li diversi minn dawn ix-xogħolijiet huma magħmula interament mill-injam u skultura, t-terminu ventartal jindika x-xogħol kollu kemm hu, kemm jekk hu gwarniċ b'ċentru ta' drapp, anke jekk le (bl-Ingliż *antependium*).

[20] Il-gazzetta *Malta Tagħna* ssemmi li saru żewġ ventartali għall-parroċċa tal-Qrendi fl-1930, li probabilment huma tnejn minn dawk li ħadem Buhagiar. Aktar dettalji f'Mark Sagona 2003, *op.cit.*

[21] Din l-informazzjoni kienet ingħatat lill-awtur minn Pinu Asciak mill-Qrendi f'Ġunju 2001.

[22] Mark Sagona 2003, *op.cit.*, pp.61-63.

[23] Dan huwa s-salib tal-Via Sagra fil-parroċċa ta' Bormla.

[24] Dawn jinkludu, fost oħrajn, is-slaleb tal-Via Sagra fil-parroċċi ta' Ħal Tarxien, Ħal Għargħur u Ħal Luqa, u dawk tal-fratellanzi tas-Sagrament fis-Siġġiewi, ta' San Ġużepp f'Ħal Għaxaq u tar-Rużarju fiż-Żejtun. Il-kurċifissi tagħhom ma kienux jiġu prodotti minn Buhagiar.

[25] Emanuele Buhagiar, *op.cit.*

[26] *Ibid.* Għalkemm ma jidhirx li l-mudell ġie preservat, id-disinji ta' dan iż-żmien xorta għadhom b'saħħithom.


Il-President u l-Kumitat Eżekuttiv
tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, Qrendi
għandhom il-pjaċir jistiednu lill-membri u s-soċi

għar-**Riċeviment fis-Sala tal-Każin**

**It-Tnejn 26 ta' Ġunju 2006 fit-8.30pm**

*fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes*